

Brussell, 22 ta' Novembru 2017
(OR. en)

14205/17

JEUN 140
EDUC 405
SPORT 92
EMPL 539
SOC 707

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 13593/17 JEUN 133 EDUC 385 SPORT 84 EMPL 517 SOC 674

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġħ
- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (20 ta' Novembru 2017)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġħ, adottati mill-Kunsill fit-3577 laqgħa tiegħu li saret fl-20 ta' Novembru 2017.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

JIEĦU NOTA TA':

1. L-isfond politiku għal din il-kwistjoni kif jinsab fl-Anness ta' dawn il-konklużjonijiet.
2. Il-Pjan ta' Ħidma attwali tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2016-2018 li jikkontribwixxi biex jindirizza l-isfidi u l-opportunitajiet tal-era diġitali għall-politika tal-UE, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u ż-żgħażaġh.
3. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika mill-grupp ta' esperti dwar "ir-riskji, l-opportunitajiet, u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni għaż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh".

FILWAQT LI JIRRIKONNOXXI LI:

4. Il-media u t-teknoloġiji diġitali qegħdin dejjem aktar isiru parti mill-ħajja ta' kuljum u pilastru ewlieni tal-innovazzjoni u l-iżvilupp fis-soċjetà. Huwa evidenti li ż-żgħażaġh huma wieħed mill-katalisti għat-tibdil fis-soċjetà, u dan minħabba, fost l-oħrajn, l-adozzjoni attiva tagħhom tal-media u t-teknoloġiji diġitali.
5. L-iżviluppi teknoloġiċi joffru potenzjal kbir għall-għoti tas-setgħa liż-żgħażaġh billi jagħtu aċċess għall-informazzjoni u billi jkattru l-opportunitajiet biex jiżdiedu l-kapaċitajiet u l-kompetenzi personali ta' dak li jkun; id-disponibbiltà ta' opportunitajiet għall-konnettività u l-interazzjoni ma' oħrajn kif ukoll biex wieħed jagħti l-opinjoni tiegħu, għall-kreattività, għall-awto-realizzazzjoni tad-drittijiet u ċ-ċittadinanza attiva proprja.

6. L-integrazzjoni aħjar tal-iżviluppi teknoloġiċi meta ż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa hija importanti wkoll mill-perspettiva tas-suq tal-impjiegi u l-perspettiva ta' karrieri għaż-żgħażaġh.
7. L-iżvilupp tat-teknoloġiji jippermetti soluzzjonijiet intelliġenti, analiżi ta' ħafna data u jwassal l-innovazzjoni fil-metodi u l-approċċi tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, biex b'hekk jiġu appoġġati l-ippjanar, l-implimentazzjoni, l-evalwazzjoni, il-viżibbiltà u t-trasparenza tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika taż-żgħażaġh.
8. Ir-realizzazzjoni tal-potenzjal pożittiv tal-media u t-teknoloġiji diġitali tiddependi fuq għadd ta' prekondizzjonijiet u kompetenzi. Pereżempju, l-aċċess limitat għat-teknoloġiji, l-ambjenti diġitali u l-appoġġ u t-taħriġ rispettiv saħansitra japprofondixxi aktar id-distakk diġitali fis-soċjetà. Fir-rigward ta' kompetenzi, l-informazzjoni u l-litteriżmu tad-data, il-komunikazzjoni u l-kollaborazzjoni, il-ħolqien tal-kontenut diġitali, is-sikurezza u r-risoluzzjoni tal-problemi fl-oqsma diġitali huma importanti kemm għaż-żgħażaġh kif ukoll għal dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh.
9. Azzjonijiet intelliġenti u azzjonijiet immirati sew huma importanti biex jiġu żviluppati kompetenzi rilevanti u għodod sikuri biex jipprevjenu u jiġu ġestiti r-riskji tal-era diġitali, bħal effetti negattivi ta' ħin eċċessiv tħares lejn l-iskrin, id-dipendenza fuq l-internet, il-bulliżmu ċibernetiku, il-messaġġi sesswali, it-tixrid ta' aħbarijiet foloz, il-propaganda, id-diskors ta' mibegħda, il-vjolenza online u r-radikalizzazzjoni vjolenti, it-theddid għall-privatezza, inkluż l-użu mhux awtorizzat u l-użu ħażin tad-data u forom oħra ta' ħsara potenzjali. Il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politiki dwar iż-żgħażaġh jista' jkollhom rwol kruċjali biex iżidu s-sensibilizzazzjoni u l-kompetenzi taż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'anqas opportunitajiet, il-familji tagħhom, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh u l-persuni kkonċernati l-oħra li jappoġġaw liż-żgħażaġh.
10. L-era diġitali ġġib magħha sett kumpless ta' sfidi u opportunitajiet differenti. Huwa fenomenu tas-soċjetà li għad irid jiġi skopert aktar u żviluppat skont ir-rispons adatt. Sabiex jiġu appoġġati u jingħata valur miżjud lill-attivitajiet fil-qasam tal-ħidma fost iż-żgħażaġh tal-Istati Membri fil-livell lokali u nazzjonali, hija importanti l-kooperazzjoni fil-qasam taż-żgħażaġh fl-Unjoni Ewropea u b'mod partikolari l-iskambju tal-aħjar prattiki.

FILWAQT LI JQIS:

11. "Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh" bħala l-iżvilupp innovattiv tal-ħidma fost iż-żgħażaġh li tinkludi l-prattika tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh¹ u li tinkludi komponent ta' riċerka, kwalità u ta' politika.

JISSOTTOLINJA LI:

12. Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh għandha l-għan li tesplora l-interazzjonijiet taż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh mal-media u t-teknoloġiji diġitali sabiex jiġu appoġġati u msaħħa l-opportunitajiet pożittivi li joħlqu dawn l-interazzjonijiet.
13. Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh tibni fuq l-etika, il-prinċipji eżistenti, l-għarfien, il-prattiki, il-metodi u l-assi l-oħra tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tħaddan il-potenzjal sħiħ tal-iżviluppi teknoloġiċi fis-soċjetà diġitali.
14. Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh tfisser l-użu ta' u l-indirizzar tal-media u t-teknoloġiji diġitali sabiex:
 - a) issaħħaħ l-opportunitajiet taż-żgħażaġh kollha għall-informazzjoni, għall-aċċess tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, għall-parteċipazzjoni, għat-tagħlim mhux formali u informali, billi jiġu sfruttati spazji u forum ġodda għall-ħidma fost iż-żgħażaġh b'modi sinifikanti;
 - b) tappoġġa l-motivazzjoni, il-kapaċità u l-bini tal-kompetenza tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u l-mexxejja taż-żgħażaġh sabiex jiżviluppaw u jimplimentaw ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh;
 - c) toħloq fehim aħjar taż-żgħażaġh u l-ħidma fost iż-żgħażaġh u tappoġġa l-kwalità tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh permezz ta' użu aktar effiċjenti ta' żviluppi u xprunati mid-data teknoloġiji għall-analiżi tad-data.

¹ Grupp ta' esperti dwar "Ir-riskji, l-opportunitajiet, u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni għaż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh": Il-Ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tfisser l-użu proattiv jew l-indirizzar tal-media u t-teknoloġija diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażaġh. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh mhijiex metodu ta' ħidma fost iż-żgħażaġh – il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' tiġi inkluża fi kwalunkwe ambjent ta' ħidma fost iż-żgħażaġh (ħidma miftuħa fost iż-żgħażaġh, informazzjoni dwar iż-żgħażaġh u konsulenza għaż-żgħażaġh, għaqdiet taż-żgħażaġh, ħidma itineranti fost iż-żgħażaġh, eċċ.). Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh għandha l-istess għanijiet bħall-ħidma fost iż-żgħażaġh inġenerali, u l-użu tal-media u t-teknoloġija diġitali fil-ħidma fost iż-żgħażaġh għandu dejjem jappoġġa dawn l-għanijiet. Il-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh tista' tiġi f'sitwazzjonijiet wiċċ imb'wiċċ jew f'sitwazzjonijiet online – jew f'taħlita tat-tnejn. Il-media u t-teknoloġija diġitali tista' tkun għodda, kif ukoll attività jew kontenut fil-ħidma fost iż-żgħażaġh.

15. Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh tibni fuq il-ħtiġijiet taż-żgħażaġh, il-mexxejja taż-żgħażaġh u partijiet oħra kkonċernati li jappoġġaw iż-żgħażaġh. Hija tqis ukoll il-kuntest soċjali usa' inkluż il-globalizzazzjoni, in-networking, is-soluzzjonijiet elettroniċi eċċ., tagħti opportunitajiet għall-esperimentazzjoni, ir-riflessjoni u t-tagħlim minn dawn l-esperjenzi.
16. L-iżvilupp ta' ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh għandu jkun ibbażat fuq l-involvement attiv tal-istess żgħażaġh, billi jitħallew jikkontribwixxu bl-aħjar mod il-kompetenzi diġitali li diġà jippossjedu kif ukoll biex jiżviluppaw oħrajn addizzjonali, filwaqt li jibbenefikaw ukoll minn appoġġ rispettiv bejn il-pari.
17. Il-ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh għandha tirrispetta l-privatezza u s-sikurezza taż-żgħażaġh kollha, u tissalvagwardja d-drittijiet kollha tagħhom.

JISTIEDEN, FL-ISFERI TA' KOMPETENZI RISPETTIVI TAGĦHOM, L-ISTATI MEMBRI U L-KUMMISSJONI SABIEX:

18. Joħolqu kondizzjonijiet għal ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh, inkluż:
 - a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh fil-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-għanijiet tal-politika dwar iż-żgħażaġh, l-istrumenti strateġiċi u finanzjarji;
 - b) l-immappjar u l-indirizzar tad-distakk diġitali u l-inugwaljanzi għall-aċċess tal-iżviluppi teknoloġiċi mill-perspettiva taż-żgħażaġh, speċjalment dawk b'anqas opportunitajiet, persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u mexxejja taż-żgħażaġh u persuni kkonċernati oħra li jappoġġaw iż-żgħażaġh;
 - c) l-appoġġ tal-iżvilupp ta' kompetenzi rilevanti għall-ħidma intelliġenti taż-żgħażaġh fost iż-żgħażaġh, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u l-mexxejja taż-żgħażaġh kif ukoll persuni oħra kkonċernati li jappoġġaw iż-żgħażaġh, fosthom:
 - dwar kwistjonijiet bħal informazzjoni u litteriżmu tad-data, komunikazzjoni u kollaborazzjoni permezz ta' media u teknoloġiji diġitali, sikurezza fl-oqsma diġitali eċċ.;
 - permezz ta' diversi approċċi lejn it-taħriġ u t-tagħlim fil-forom u l-livelli kollha possibbli, pereżempju bl-inkorporar ta' ħidma intelliġenti fost iż-żgħażaġh fil-programmi ta' taħriġ rilevanti, standards okkupazzjonali u linji gwida fil-ħidma fost iż-żgħażaġh eċċ.;

d) l-iskambju ta' eżempji tal-aħjar prattika fl-użu tal-media u t-teknoloġija diġitali.

19. l-infrastruttura diġitali li ssaħħaħ il-konnettività u s-sħubiji transsettorjali, inkluż bl-
edukazzjoni, l-innovazzjoni, il-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp, negozji ġodda u s-settur tan-
negozju inġenerali. Filwaqt li jkun għaddej dan kollu, jinħtieġ li jkun hemm sinerġiji mal-
Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali, l-Istrateġiji għar-Riċerka u l-Innovazzjoni għal
Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, strutturi eżistenti, servizzi u programmi pubbliċi u privati, bħal
Erasmus+ u Orizzont 2020.
20. Għandha tibqa' għaddejja l-ħidma flimkien biex jiġi żgurat li tittieħed azzjoni dwar dawn il-
konklużjonijiet fil-kuntest tal-ħidma li għaddejja dwar perspettivi strateġiċi għall-
kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2018.
21. Jiġi organizzat avveniment internazzjonali biex jiġu esplorati aktar il-perspettivi ta' ħidma
intelligenti fost iż-żgħażaġh bejn Stati Membri interessati matul is-snin 2017-2018.

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill ifakkar, b'mod partikolari, f'dan li ġej:

1. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata Strateġija għal Suq Uniku Diġitali għall-Ewropa (2015)
2. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni intitolata Aġenda Ġdida għall-Filiet għall-Ewropa – Naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (2016)
3. Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni – Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal (2012)
4. Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-promozzjoni ta' approċċi ġodda fil-ħidma fost iż-żgħażaġh biex jiġi skopert u żviluppat il-potenzjal taż-żgħażaġh (2016/C 467/03)
5. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-massimizzazzjoni tal-potenzjal tal-politika taż-żgħażaġh fl-indirizzar tal-għanijiet tal-Istrateġija Ewropa 2020 (2013/C 224/02)
6. Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar perspettivi strateġiċi għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh wara l-2018 (8035/17)
7. Dikjarazzjoni dwar il-Promozzjoni taċ-ċittadinanza u l-valuri komuni tal-libertà, it-tolleranza u n-nondiskriminazzjoni permezz tal-edukazzjoni (2015). Pariġi, 17.03
8. Dikjarazzjoni tat-Tieni Konvenzjoni Ewropea dwar il-Ħidma fost iż-Żgħażaġħ "Making a World of Difference", 27-30.04.2015 fi Brussell

9. Sħubija għaż-Żgħażaġħ bejn l-UE u l-KtE, Simpożju dwar il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh f'dinja diġitalizzata, Budapest, l-Ungerija 14-16 ta' Settembru 2015, Messaġġi ewlenin tal-parteċipanti
10. EU Kids Online. Netwerk multinazzjonali dwar ir-riċerka
11. Il-Kummissjoni Ewropea (2017). DigComp 2.1: Il-Qafas ta' Kompetenza Diġitali għaċ-Ċittadini bi tmien livelli ta' profiċjenza u eżempji ta' użu
12. Il-Kummissjoni Ewropea (2016). Il-Koalizzjoni għall-Ħiliet u l-Impjiegi Diġitali
13. Il-Kummissjoni Ewropea (2017). Ir-Rapport dwar il-Progress fis-Settur Diġitali Ewropew
14. Il-Kummissjoni Ewropea (2017). White Paper dwar il-Futur tal-Ewropa. Riflessjonijiet u xenarji għall-UE27 sal-2025. L-1 ta' Marzu 2017. COM (2017) 2025 final
15. Il-grupp ta' esperti dwar "Ir-riskji, l-opportunitajiet, u l-implikazzjonijiet tad-diġitalizzazzjoni għaż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u l-politika dwar iż-żgħażaġh" (2017). Mandat u rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar l-iżvilupp tal-ħidma diġitali fost iż-żgħażaġh
16. Rakkomandazzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kompetenzi ewlenin għat-tagħlim tul il-ħajja 2006/962/KE
17. Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fil-Kunsill, dwar il-ħidma fil-qasam taż-żgħażaġh (2010/C 327/01)
18. Riżoluzzjoni tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, dwar Pjan ta' Ħidma tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ għall-2016-2018 (2015/C 417/01)
19. Ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2017)4 tal-Kumitat tal-Ministri lill-Istati Membri dwar il-ħidma fost iż-żgħażaġh
20. Pjattaforma għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti (Kummissjoni Ewropea)